MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2012

Numru 254/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Pulis)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**Vs**
**Alan Caruana**

## Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ **Alan Caruana**, ta’ 32 sena, bin Raymond u Emanuela *nee’* Spiteri, imwieled Pieta fil-5 ta’ Gunju 1979 u residenti 10, Sqaq San Felic, Triq Herba, Zejtun, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 293179 (M), fejn huwa gie akkuzat talli nhar il-21 ta’ Frar 2011, ghal habta ta’ 14.00hrs:-

1. Ikkommetta serq minn gewwa Che Sara confectionary sitwat fi Triq Herba, Zejtun ghad-dannu ta’

Victor Bondin, liema serq huwa ikkwalifikat bil-Valur li jaqbez mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-mezz;

2. Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, volontarjament ikkaguna xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara li tiskorri €116.47 ghad-dannu ta' Victor Bondin;

3. Talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu;

4. Talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Qorti fit-12 ta' Settembru 2011 fejn kien inghata sentenza ta' Art 22 tal-Kap 446 ghal tmintax-il xahar mill-Magistrat E. Grima LL.D;

Rat illi fit-2 ta' Marzu 2012 l-akkuzat, debitament assistit minn Dr Mark Busuttil, Avukat tal-Ghajnuna Legali, hu ammetta t-talbiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u fuq talba ta' l-Avukat ta' l-akkuzat, l-Qorti ordnat illi jigi redatt 'Pre-Sentencing Report';

Rat illi fit-3 ta' April 2012, deher l-akkuzat mhux assistit u gie ipprezentat il-Pre Sentencing Report;

Rat illi fl-10 t' April 2012, deher l-akkuzat assistit u inghata il-helsien mill-arrest bil-kundizzjonijiet hemm stabbiliti fosthom illi jibda jattendi ghal programm ta' riabilitazzjoni mal-CARITAS.

Rat illi fis-16 ta' Mejju 2012, deher l-akkuzat mhux assistit u xehed il-Probation Officer Saviour Lia illi informa l-Qorti li l-akkuzat kien ser jibda il-programm izda reggha kellu relapse izda kien ser jerggha jiddahhal fil-programm fi zmien qarib u ghalhekk kien opportun illi l-akkuzat jinghata opportunita ohra.

Rat illi fit-18 ta’ Lulju 2012, reggha deher l-akkuzat mhux assistit. Deher ukoll il-Probation Office Saviuor Lia illi nforma il-Qorti li l-akkuzat kien beda l-programm residenzjali ta’ riabilitazzjoni kontra il-vizzju tad-droga gewwa San Blas (Caritas) fit-13 ta’ Gunju 2012 u li kien qed jimxi mal-pjan imfassal ghalih mill-istess Komunita;

Il-Qorti tiddeplora bil-qawwa kollha n-nuqqas ta’ l-Avukat assenjat bhala Avukat ta’ l-Ghajnuna Legali illi jidher quddiem dina l-Qorti, liema nuqqas huwa ghamel ghal benn tlett darbiet u, ghal darba ohra, theggeg lill-Awtoritajiet sabiex jinvestigaw jekk tali Avukat hux qed jaqdi dmiru kif supppost u, fin-nuqqas, jiehu l-passi mehtiega;

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ l-akkuzat.

Wara illi rat l-artikoli 49, 50, 279, 280 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll wara illi rat l-Artikolu 7 u 22 tal-Kap 446.

Wara illi rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat, anke wara illi tatu l-opportunita’ illi jerggha jikkonsidra tali ammissjoni;

Wara illi rat il-Pre Sentencing report tal-Probation Office kif ukoll l-informazzjoni illi l-istess akkuzat kien qieghed jattendi ghall programm ta’ riabilitazzjoni

Il-Qorti

Issib lill-akkuzat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u, minflok ma tinfliggi sentenza, qieghda, ai termini ta’ l-artikolu 7 tal-Kap 446, taghti Ordni ta’ Probation lill-akkuzat fejn ser jitqieghed taht sorveljanza ta’ Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin u, a tenur ta’ l-artikolu 7 (5) tal-Kap 446, tordna lill- akkuzat sabiex

jaghmel u jispicca l-programm kollu ta’ riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga gewwa San Blas (Caritas) u jimxi mal-pjan imfassal lilu mill-Komunita kif ukoll jaghmel kwalsiasi programm iehor illi jidhrilhom xierqa l-istess Caritas u/jew Probation Officer u, f’kaz li l-akkuzat jonqos milli jattendi ghal tali programm, jitqies illi jkun kiser l-Ordni ta’ dina l-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------